Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Ġunju 1966

dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf

(66/401/KEE)

(ĠU P 125 , 11.7.1966, p. 2298)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 69/63/KEE, tat-18 ta' Frar 1969	L 48	8	26.2.1969
►**M2**	Id-Direttiva tal-Kunsill 71/162/KEE, tat-30 Marzu 1971	L 87	24	17.4.1971
►**M3**	Id-Direttiva tal-Kunsill 72/274/KEE, tal-20 ta' Lulju 1972	L 171	37	29.7.1972
►**M4**	Id-Direttiva tal-Kunsill 72/418/KEE, tas-6 ta' Diċembru 1972	L 287	22	26.12.1972
►**M5**	Id-Direttiva Tal-Kunsill 73/438/KEE, tal-11 ta' Diċembru 1973	L 356	79	27.12.1973
►**M6**	Id-Direttiva Tal-Kunsill 75/444/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1975	L 196	6	26.7.1975
►**M7**	Id-Direttiva tal-Kunsill 78/55/KEE, tad-19 ta' Diċembru 1977	L 16	23	20.1.1978
►**M8**	L-Ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 78/386/KEE, tat-18 ta' April 1978	L 113	1	25.4.1978
►**M9**	Id-Direttiva tal-Kunsill 78/692/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978	L 236	13	26.8.1978
►**M10**	Id-Direttiva tal-Kunsill 78/1020/KEE, tal-5 ta' Diċembru 1978	L 350	27	14.12.1978
►**M11**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 79/641/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1979	L 183	13	19.7.1979
►**M12**	Id-Direttiva tal-Kunsill 79/692/KEE, ta' l-24 ta' Lulju 1979	L 205	1	13.8.1979
►**M13**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/754/KEE, tas-17 ta' Lulju 1980	L 207	36	9.8.1980
►**M14**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 81/126/KEE, tas-16 ta' Frar 1981	L 67	36	12.3.1981
►**M15**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 82/287/KEE, tat-13 ta' April 1982	L 131	24	13.5.1982
►**M16**	Id-Direttiva Tal-Kummissjoni 85/38/KEE, ta' l-14 ta' Diċembru 1984.	L 16	41	19.1.1985
►**M17**	Council Regulation (EEC) no 3768/85 of 20 December 1985 (*)	L 362	8	31.12.1985
►**M18**	Id-Direttiva tal-Kunsill 86/155/KEE, tat-22 ta' April 1986	L 118	23	7.5.1986
►**M19**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/120/KEE, ta' l-14 ta' Jannar 1987	L 49	39	18.2.1987
►**M20**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/480/KEE, tad-9 ta' Settembru 1987	L 273	43	26.9.1987
►**M21**	Id-Direttiva tal-Kunsill 88/332/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1988	L 151	82	17.6.1988
►**M22**	Id-direttiva tal-Kunsill 88/380/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1988	L 187	31	16.7.1988
►**M23**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 89/100/KEE, ta' l-20 ta' Jannar 1989	L 38	36	10.2.1989
►**M24**	Council Directive 90/654/EEC, of 4 December 1990 (*)	L 353	48	17.12.1990
►**M25**	Id-Direttiva Tal-Kummissjoni 92/19/KEE tat-23 ta' Marzu 1992	L 104	61	22.4.1992
►**M26**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/18/KE tad-19 ta' Marzu 1996	L 76	21	26.3.1996
►**M27**	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/72/KE tat-18 ta' Novembru 1996	L 304	10	27.11.1996
►**M28**	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/96/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1998	L 25	27	1.2.1999
►**M29**	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/95/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1998	L 25	1	1.2.1999
►**M30**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/64/KE tal-31 ta' Awissu 2001	L 234	60	1.9.2001
►**M31**	Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/61/KE tat-18 ta' Ġunju 2003	L 165	23	3.7.2003
►**M32**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/55/KE tal-20 ta' April 2004	L 114	18	21.4.2004
►**M33**	Direttiva tal-Kunsill 2004/117/KE tat-22 ta' Diċembru 2004	L 14	18	18.1.2005

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.	L 73	14	27.3.1972
►**A2**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Ġunju 1966

dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf

(66/401/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali;

Billi l-produzzjoni ta' pjanti ta' l-għalf jokkupa post importanti fl-agrikoltura tal-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi riżultati sodisfaċjenti fil-koltivazzjoni ta' pjanti ta' l-għalf jiddependu fil-parti l-kbira fuq l-użu taż-żerriegħa addattata; billi għal dan l-għan ċerti Stati Membri għal xi żmien irrestringew it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf għall-kwalità għolja ta' żerriegħa; billi kienu kapaċi li jieħdu vantaġġ tax-xogħol ta' l-għażla sistematika ta' pjanti mwettaq matul diversi għexiren ta' snin li rriżulta fl-iżvilupp ta' varjetajiet ta' pjanti ta' l-għalf stabbli u uniformi li, minħabba l-karatteristiċi tagħhom, jidhru li huma ta' valur kbir għall-għanijiet maħsuba;

Billi produttività akbar għandha tinkiseb fil-koltivazzjoni tal-Komunità ta' pjanti ta' l-għalf jekk għall-għażla tal-pjanti permessi li jistgħu jitqiegħdu fis-suq l-Istati Membri japplikaw regoli uniformi li huma stretti kemm jista' jkun;

Billi huwa, madankollu, ġustifikabbli li jiġi ristrett it-tqegħid fis-suq ta' ċerti varjetajiet biss jekk dak li juża jkun ċert li attwalment jikseb żerriegħa ta' dawk il-varjetajiet;

Billi ċerti Stati Membri qegħdin għal dan l-għan japplikaw skemi ta' ċertifikazzjoni li huma maħsuba permezz ta' kontroll uffiċjali li jiżguraw l-identità u l-purità tal-varjetà;

Billi dik l-iskema diġà teżisti f'livell internazzjonali; billi l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp waqfet skema għaċ-ċertifikazzjoni tal-varjetajiet ta' żerriegħa tal-ħwawar li tinġarr fil-kummerċ internazzjonali;

Billi huwa mixtieq li tiġi stabbilita kull skema uniformi ta' ċertifikazzjoni għall-Komunità bbażata fuq l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dik l-iskema u ta' l-iskemi nazzjonali għal dan il-prodott;

Billi l-iskema għandha tapplika għat-tqegħid fis-suq kemm fl-Istati Membri l-oħra kif ukoll fis-swieq domestiċi;

Billi, bħala regola ġenerali, iż-żerriegħa għall-pjanti ta' l-għalf, ikun x'ikun l-għan li għalih titkabbar, għandha tiġi permessa li titqiegħed biss fis-suq jekk tkun ġiet uffiċjalment eżaminata u ċċertifikata, skond irregoli għaċ-ċertifikazzjoni, bħala żerriegħa bażika jew żerriegħa ċċertifikata jew jekk, fil-każ ta' ċerti ġeneri u speċi, tkun ġiet uffiċjalment eżaminata u approvata bħala żerriegħa kummerċjali; Billi l-għażla tat-termini tekniċi "żerriegħa bażika" u "żerriegħa ċċertifikata" huma bbażati fuq terminoloġija li diġà teżisti internazzjonalment;

Billi għandu jkun hemm approvazzjoni għaż-żerriegħa kummerċjali sabiex jittieħed rendikont tal-fatt li mhux kull ġeneru u speċi ta' żerriegħa ta' l-għalf ta' importanza għall-ħsad s'issa la pproduċew il-varjetajiet mixtieqa l-anqas kwantitajiet suffiċjenti ta' żerriegħa tal-varjetajiet ezistenti biex jintlaħqu l-ħtiġiet kollha tal-Komunità; billi huwa għalhekk meħtieġ, fil-każ ta' ċerti ġeneri u speċi, li tiġi approvata żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf li ma tkunx ta' kull varjetà msemmija, iżda li tkun tikkonforma mar-regolamenti fl-aspetti l-oħra kollha;

([1]) ĠU Nru 9, 9.7.1964, p. 1751/64.

▼B

Billi ż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf li ma titqigħedx fis-suq m'għandhiex, minħabba l-importanza ekonomika minuri tagħha, tkun suġġetta għar-regoli tal-Komunità; billi l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jagħmlu dik iż-żerriegħa suġġetta għal disposizzjonijiet speċjali;

Billi r-regoli tal-Komunità m'għandhomx japplikaw għal żerriegħa murija li tkun maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

Billi, biex tittejjeb mhux biss il-kwalità ġenetika tal-Komunità taż-żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf iżda wkoll il-karatteristiċi esterni tagħha, ċerti ħtiġiet għandhom jitniżżlu fir-rigward tal-purità analitika u ġerminazzjoni;

Billi, biex tiġi żgurata l-identità taż-żerriegħa, ir-regoli tal-Komunità dwar ippakkeġġar, teħid ta' kampjuni, issiġillar u mmarkar għandhom jiġu stabbiliti; billi għal dan l-għan it-tikketti għandhom juru l-partikolaritajiet meħtieġa kemm tal-kontroll uffiċjali u t-tagħrif għall-utent u għandhom juru b'mod ċar in-natura taċ-ċertifikazzjoni tal-Komunità taż-żerriegħa ċċertifikata tal-kategoriji varji;

Billi ċerti Stati Membri jeħtieġu taħlit ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf ta' diversi ġeneri u speċi għal użi speċjali; billi, sabiex jingħata kont ta' dawn iż-żieragħ, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li japprovaw dak it-taħlit, bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet;

Billi, biex jiġi żgurat li ż-żewġ ħtiġiet tal-kwalità taż-żerriegħa u tad-disposizzjonijiet biex tiġi żgurata l-identità tagħha ikunu jikkonformaw matul it-tqegħid fis-suq, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disposizzjonijiet għall-arranġamenti addattati ta' kontroll;

Billi żerriegħa li tissodisfa dawn il-ħtiġiet għandha, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36 tat-Trattat, tkun suġġetta għall-ebda restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ħlief għal dawk li għalihom jipprovdu r-regoli tal-Komunità;

Billi, matul l-ewwel stadju, sakemm kull katalogu komuni tal-varjetajiet ikun ġie stabbilit, ir-restrizzjonijiet permessi għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dritt ta' l-Istati Membri li jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ċertifikata ta' dawk il-varjetajiet li huma ta' valur għall-ħsad u użu fit-territorju tagħhom;

Billi, bla ħsara għal ċerti kondizzjonijiet, żerriegħa mmoltiplikata f'pajjiż ieħor minn żerriegħa bażi ċċertifikata f'kull Stat Membru għandha tingħata għarfien bħala l-ekwivalenti ta' żerriegħa mmoltiplikata f'dak l-Istat Membru

Billi, mill-banda l-oħra, disposizzjoni għandha ssir għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf maħsuda f'pajjiżi terzi biss jekk dik iż-żerriegħa toffri l-istess assigurazzjoni bħal dik taż-żerriegħa ċċertifikata uffiċjalment, jew approvata uffiċjalment bħala żerriegħa kummerċjali, fil-Komunità u li tikkonforma mar-regoli tal-Komunità;

Billi, matul il-perjodi li fihom ikun hemm diffikultajiet fil-ksib ta' provvisti ta' żerriegħa ċertifikata tal-kategoriji varji jew ta' żerriegħa kummerċjali, żerriegħa li tissodisfa ħtiġiet anqas iebsin għandha temporanjament tkun permessa li titqiegħed fis-suq;

Billi, biex jiġu armonizzati l-metodi tekniċi ta' ċertifikazzjoni użati fid-diversi Stati Membri u biex jiġi permess li jsiru paraguni fil-futur bejn żerriegħa ċċertifikata fil-Komunità u dik li tiġi minn pajjiżi terzi, testijiet tal-Komunità f'dawn l-oqsma għandhom jiġu stabbiliti fl-Istati Membri biex ikunu jippermettu li jsir post-kontroll ta' kull sena taż-żerriegħa tal-kategoriji varji ta' "żerriegħa ċċertifikata";

Billi l-Kummissjoni għandha tkun fdata bix-xogħol li tadotta ċerti miżuri għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva; billi, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, kull proċedura għandha tiġi pprovduta għat-twaqqif ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Imwaqqaf dwar Żieragħ u Materji għall-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, Ortikultura u Forestrija;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

▼M29

Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-produzzjoni bil-ħsieb tal-kummerċ, u għall-bejgħ fis-suq, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ġewwa l-Komunità.

Artikolu 1a

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, bejgħ fis-suq (kummerċ) għandu jfisser il-bejgħ, iż-żamma bil-ħsieb tal-bejgħ u kull disponibbiltà, provvista jew trasferiment immirati lejn l-isfruttament kummerċjali taż-żerriegħa lejn partijiet terzi, sewwa jekk bi ħlas u sewwa jekk le.

Il-kummerċ mhux immirat għall-isfruttament kummerċjali tal-varjetà, bħalma huma l-ħidmiet li ġejjin, ma għandhomx jiġu meqjusa bħala bejgħ fis-suq:

— il-provvista taż-żerriegħa lill-korpi ta' l-ittestjar uffiċjali u ta' l-ispezzjoni,

— il-provvista taż-żerriegħa lill-dawk li jipprovdu s-servizzi għall-ipproċessar jew għall-ippakkjar, basta iżda li l-fornitur tas-servizzi ma jiksibx titoli fuq iż-żerriegħa fornita.

Il-provvista taż-żerriegħa skond ċerti kondizzjonijiet lil dawk li jipprovdu s-servizzi għal ċertu materja prima agrikoli, intiża għall-għanijiet industrijali, jew il-propagazzjoni taż-żerriegħa b'dan l-għan, ma għandhomx jiġu meqjusa bħala bejgħ fis-suq, basta iżda li l-fornitur tas-servizzi ma jikseb l-ebda titolu jew fuq iż-żerriegħa fornita jew fuq il-prodott tal-ħsad. Il-fornitur taż-żerriegħa għandu jipprovdi lill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni kopja tal-partijiet relevanti tal-kuntratt magħmul ma' dak li jipprovdi s-servizzi u din għandha tinkludi l-livelli stabbiliti u l-kondizzjonijiet kurrentement milħuqa miż-żerriegħa pprovduta.

Il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura preskrtta fl-Artikolu 21.

▼B

Artikolu 2

►M1 1. ◄ Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

A. Pjanti ta' l-għalf: pjanti tal-ġeneri u speċi li ġejjin:

a)	Grammineae	Ħxejjex
▼M11	Agrostis canina L.	Ħaxix iebes bellusi
▼M2	Agrostis gigantea	Agrostis gigantea
	Agrostis stolonifera L.	Agrostis stolonifera L.
	►M19 Agrostis capillaris L. ◄	Agrostis tenius Sibth.
▼B	Alopecurus pratensis L.	Meadow foxtail
▼M11	►M19 Arrhenatherum elatius (L.) P. Beauv. ExJ. S. et K. B. Presl ◄	Ħaxix twil tal-ħafur
▼M22	Bromus catharticus Vahl	Ħaxix rescue
	Bromus sitchensis Trin.	Ħaxix brome tal-Alaska
▼M18	Cynodon dactylon (L.) Pers	Ħaxix twil tal-ħafur
▼B	Dactylis glomerata L.	Cocksfoot
	►M19 Festuca arundinacea Schreber ◄	Tall fescue

▼B

Festuca ovina L.	*Fescue* tan-ngħaġ
►M19 Festuca pratensis Hudson ◄	Meadow fescue
Festuca rubra L.	*Fescue* aħmar

▼M2

Lolium multiflorum Lam.	Sikrana Taljana (inkluża sikrana *Westerwold*)
Lolium perenne L.	Sikrana perenni
►M19 Lolium x boucheanum Kunth ◄	Sikrana ibrida

▼M18

Phalaris aquatica L .	Ħaxix Harding, Phalaris

▼M11

Phleum bertolonii DC	Timothy (Timotju)

▼B

Phleum pratense L.	Timothy

▼M2

Poa annua L.	Mellieġ annwali
Poa nemoralis L.	Mellieġ ta' l-injam
Poa palustris L.	Mellieġ ta' l-għadajjar
Poa pratensis L.	Mellieġ taz-zokk lixx
Poa trivialis L.	Mellieġ taz-zokk aħrax

▼M11

►M19 Trisetum flavescens (L.) P. Beauv. ◄	Ħaxix dehbi tal-ħafur

▼M25

Din id-definizzjoni għandha tkopri wkoll l-ibridu segwenti li jirriżulta mit-taħlit ta' l-ispeċi li hemm riferenza dwarhom hawn fuq.

▼M32

Festuca spp. x Lolium spp.	Ibridi li jirrizultaw mit-tahlit ta' speci tal-genus Festuca ma' speci tal-genus Lolium (x Festu-lolium)

▼M1

b)	Leguminosae	Legumi
	Hedysarum coronarium L.	Sulla
	Lotus corniculatus L.	Qrempuċ tal-mogħoż

▼M2

Lupinus albus L.	Lupina bajdanija
Lupins angustifolius L.	Lupina kaħlanija
Lupinus luteus L.	Lupina safranija

▼M1

Medicago lupulina L.	Medicago lupulina L.
Medicago sativa L.	Nifel barri

▼M11

►M19 Medicago x varia T. Martyn ◄	Lucerne
Onobrychis viciifolia Scop.	Sainfoin
Pisum sativum L. (partim)	Piżelli ħadra

▼M1

Trifolium alexandrinum L.	Silla Eġizzjana
Trifolium hybridum L.	Silla Alsike
Trifolium incarnatum L.	Silla krimżija
Trifolium pratense L.	Silla ħamra

▼M1

Trifolium repense L.	Silla bajda
Trifolium resupinatum L.	Silla Persjana

▼M11

Trigonella foenum-graecum L.	Fenugreek
Vicia faba L. (partim)	Favetta

▼M2

Vicia pannonica Crantz	Ġulbiena Ungeriża
Vicia sativa L.	Ġulbiena komuni
Vicia villosa Roth	Ġulbiena mxewka

▼M1

(ċ) Speċi oħra

►M19 Brassica napus L. var. napobrassica (L.)Rchb. ◄	Kaboċċa Svediæa
►M19 Brassica oleracea L. convar. acephala (DC)Alef. var. medullosa Thell. + var. viridis L. ◄	Felful (pastard) ta' l-għalf felful (kaboċċi)

▼M22

Phacelia tanacetifolia Benth.	Kampanellatal-Kalifornja

▼M1

►M19 Raphanus sativus L. var. oleiformis Pers. ◄	Ravanell għall-għalf

▼B

B. Żerriegħa Bażika:

1. Żerriegħa ta' varjetajiet imnissla: żerriegħa

(a) li tkun ġiet prodotta taħt ir-responsabbiltà ta' min inissel b'mod konformi ta' prattiċi aċċettati għaż-żamma tal-varjetà;

(b) li hija maħsuba għall-produzzjoni ta' żerriegħa tal-kategorija "żerriegħa ċċertifikata";

(ċ) li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, tissodifa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II għal żerriegħa bażika; u

▼M33

(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ ta' kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ).

▼B

2. Żerriegħa ta' varjetajiet lokali: żerriegħa

(a) li tkun ġiet prodotta taħt kontroll uffiċjali minn materjal uffiċjalment aċċettat bħala li jkun ta' varjetà lokali fuq biċċa art waħda jew aktar li tkun tinsab f'reġjun ta' oriġini demarkat b'mod ċar;

(b) li hija maħsuba għall-produzzjoni ta' żerriegħa tal-kategorija "żerriegħa ċċertifikata";

(ċ) li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, tissodifa l-kondizzjonijiet stabbilita fl-Annessi I u II għal żerriegħa bażika, u

▼M33

(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew, fil-każ ta' kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fi (a), (b) u (ċ).

▼M29

Ċ. Iż-żerriegħa ċċertifikata: iż-żerriegħa ta' l-ispeċi elenkata taħt A għajr il-*Lupinus* spp., il-*Pisum sativum*, il-*Vicia* spp. u l-*Medicago sativa*:

(a) li tkun ġiet prodotta direttament miż-żerriegħa bażika jew, jekk min ikabbarha jitlob dan, miż-żerriegħa ta' ġenerazzjoni ta' qabel iż-żerriegħa bażika li tkun instabet b'eżaminazzjoni uffiċjali li tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness I u II għaż-żerriegħa bażika;

(b) li tkun intiża għall-għanijiet oħra għajr il-produzzjoni taż-żerriegħa;

(ċ) li, bla ħara għall-Artikolu 4(b), tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II għal ċerta żerriegħa ċċertifikata; u

▼M33

(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ).

▼M29

Ċa. Iż-żerriegħa ċċertifikata, l-ewwel ġenerazzjoni (*Lupinus* spp., *Pisum sativum*, *Vicia* spp. u *Medicago sativa*):

(a) li tkun ġiet prodotta direttament minn żerriegħa bażika jew, jekk min ikabbarha hekk jitlob, minn żerriegħa ta' ġenerazzjoni ta' qabel iż-żerriegħa bażika li tista' tissodisfa u tkun ġiet uffiċjalment misjuba b'eżaminazzjoni uffiċjali li tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II għaż-żerriegħa bażika;

(b) li tkun intiża jew għall-produzzjoni taż-żerriegħa tal-kategorija żerriegħa ċċertifikata, it-tieni ġenerazzjoni jew għall-għanijiet oħra għajr il-produzzjoni taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf;

(ċ) li, bla ħsara għall-Artikolu 4(b), tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II għaż-żerriegħa ċċertifikata; u

▼M33

(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ).

▼M29

Ċb. Iż-żerriegħa ċċertifikata, tat-tieni ġenerazzjoni (*Lupinus* spp., *Pisum sativum*, *Vicia* spp. u *Medicago sativa*):

(a) li tkun ġiet prodotta direttament minn żerriegħa bażika, minn żerriegħa ċċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni jew, jekk min ikabbarha hekk jitlob, minn żerriegħa ta' ġenerazzjoni ta' qabel iż-żerriegħa bażika li tista' tissodisfa u li tkun instabet b'eżaminazzjoni uffiċjali li tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II għaż-żerriegħa bażika;

(b) li tkun intiża għal għanijiet oħra għajr il-produzzjoni taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf;

(ċ) li, bla ħsara għall-Artikolu 4(b), tissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti fl-Annessi I u II, għaż-żerriegħa ċċertifikata; u

▼M33

(d) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a), (b) u (ċ).

▼B

D. Żerriegħa kummerċjali: żerriegħa

(a) li tkun identifikabbli bħala li tagħmel parti minn kull speċi;

(b) li, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 (b), tissodifa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għal żerriegħa kummerċjali, u

▼M33

(ċ) li nstabet, permezz ta' eżaminazzjoni uffiċjali jew permezz ta' eżaminazzjoni mwettqa taħt sorveljanza uffiċjali, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a) u (b).

▼B

E. Miżuri uffiċjali: miżuri meħuda

(a) mill-awtoritajiet ta' l-Istat, jew

(b) minn kull persuna legali sew jekk regolata bil-liġi pubblika jew privata, waqt li taġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat, jew

(ċ) fil-każ ta' attivitajiet anċillari li huma wkoll suġġetti għall-kontroll ta' l-Istat, minn kull persuna naturali debitament awtorizzata għal dak l-għan,

kemm-il darba din il-persuna msemmija taħt (b) u (ċ) ma tagħmlu ebda qligħ privat minn dawk il-miżuri.

▼M6

F. Paketti żgħar A tal-►M27 KE ◄: pakketti li jkun fihom taħlita ta' żerriegħa li mhux intiżi għall-produzzjoni tal-pjanti ta' l-għalf, b'piż nett li ma jeċċedix iż-2 kg li jeskludu, fejn ikun il-każ, pestiċidi granullati, sostanzi tal-boċċi jew addittivi solidi oħra.

G. Pakketti żgħar B tal-►M27 KE ◄: pakketti li jkun fihom ►M29 żerriegħa bażika, ◄iż-żerriegħa ċċertifikata, iż-żerriegħa kummerċjali jew — jekk il-pakketti kkonċernati ma jkunux pakketti żgħar A — taħlita ta' żerriegħa b'piż nett li ma jeċċedix il-10 kg esklużi, fejn ikun il-każ, pestiċidi grannulati, sostanzi tal-boċċi jew addittivi solidi oħra.

▼M28

1a. Għandhom jiġu adottati emendi għall-lista ta' l-ispeċji li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 (A) b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

▼M22

1b. It-tipi differenti tal-varjetajiet, inklużi l-komponenti, eliġibbli għaċ-ċertifikazzjoni skond din id-Direttiva jistgħu jiġu definiti u speċifikati b'mod konformi mal-proċedura preskritta f'Artikolu 21.

▼M29

▼M12

►M22 1d. ◄ L-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati, bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, li ma japplikawx dwar il-produzzjoni ta' l-Istat Membru partikolari l-kondizzjoni li tinsab fl-Anness II, is-sezzjoni I, il-punt 2, il-paragrafu B (1) għall-ispeċi konċernat wieħed jew aktar, jekk jista' jkun assumit mill-kondizzjonijiet ekoloġiċi u l-esperjenza ta' qabel li n-normi stabbiliti fl-Anness II, is-sezzjoni I, il-punt 2, il-kolonna 13 tat-tabella jkunu qegħdin jiġu mħarsa.

▼M1

2. L-Istati Membri jistgħu, matul il-perijodu transitorju u mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva, u b'deroga mill-paragrafu 1 (C), jiċċertifikaw bħala żerriegħa ċċertifikata ż-żerriegħa li tkun ta' dixxendenza diretta ta' żerriegħa kkontrollata uffiċjament minn Stat Membru taħt l-iskema fit-tħaddin f'dak iż-żmien li toffri l-istess assigurazzjoni ta' żerriegħa ċċertifikata bħaż-żerriegħa bażika jew taż-żerriegħa ċċertifikata bi qbil mal-prinċipji ta' din id-Direttiva.

▼M4

▼M33

3. Meta l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali stabbilita f'paragrafi (1)(B)(1)(d), (1)(B)(2)(d), (1)(Ċ)(d), (1)(Ċa)(d), (1)(Ċb)(d) u (1)(D)(ċ) hi mwettqa, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

A. Spezzjoni fuq il-post

(a) L-ispetturi għandhom:

(i) ikollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa;

(ii) ma jiksbu l-ebda vantaġġ privat konness ma' l-eżekuzzjoni ta' l- ispezzjonijiet;

(iii) kienu mogħtija liċenzja b'mod uffiċjali mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni taż- żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat u din il-liċenzja għandha tinkludi jew il-ġurament ta' l-ispetturi jew il-firma mill-ispetturi ta' dikjarazzjoni ta' impenn bil-miktub għar-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali;

(iv) jeżegwixxu spezzjonijiet taħt is-sorveljanza uffiċjali skond ir-regoli applikabbli għal spezzjonijiet uffiċjali.

(b) L-uċuħ taż-żerriegħa li għandhom jiġu spezzjonati għandhom jitkabbru minn żerriegħa, li ġiet sottomessa għal kontroll uffiċjali ta' wara, li r-riżultati tiegħu kienu sodisfaċenti.

(ċ) Proporzjon mill-uċuħ taż-żerriegħa għandu jiġi kkontrollat minn spetturi uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(d) Proporzjon ta' kampjuni mil-lottijiet ta' żerriegħa maħsuda minn uċuħ taż-żerriegħa għandhom jittieħdu għal kontroll uffiċjali ta' wara u, fejn xieraq, għal eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa fil-laboratorju fir-rigward ta' identità ta' varjetà u purità.

(e) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-pieni jistgħu jinkludu l-irtirar tal-liċenzja provduta fi (a)(iii) minn spetturi mogħtija l-liċenzja b'mod uffiċjali li jinstabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata hi mħassra fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistgħax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rilevanti kollha.

B. L-eżaminar taż-żerriegħa

(a) L-eżaminar taż-żerriegħa għandu jiġi mwettaq minn laboratorji għall-eżaminar taż-żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak il-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fi (b) sa (d).

(b) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkollu nkargat analista taż-żerriegħa responsabbli b'mod dirett għall-operazzjonijiet tekniċi tal-laboratorju u li għandu l-kwalifiki meħtieġa għall-amministrazzjoni teknika ta' laboratorju għall-eżaminar ta' żerriegħa.

L-analisti taż-żerriegħa tiegħu għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti ta' żerriegħa uffiċjali u kkonfermati b'eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Il-laboratorju għandu jinżamm f'bini u b'tagħmir kkunsidrat b'mod uffiċjali mill- awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa kompetenti bħala sodisfaċenti għall-fini ta' eżaminar taż-żerriegħa, fil-firxa ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

Għandu jwettaq eżaminar taż-żerriegħa b'metodi internazzjonali attwali.

▼M33

(ċ) Il-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa għandu jkun:

(i) laboratorju indipendenti,

jew

(ii) laboratorju tal-kumpanija taż-żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (ii), il-laboratorju jista' jwettaq eżaminar taż-żerriegħa biss fuq lottijiet ta' żerriegħa prodotti f'isem il-kumpanija taż-żerriegħa li jagħmel parti minnha, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra ma dik il-kumpanija taż-żerriegħa, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni tal-laboratorju għall-eżaminar taż-żerriegħa ta' l-eżaminar taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza xierqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn eżaminar uffiċjali taż-żerriegħa. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju imxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %.

(f) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jirregolaw l-eżaminazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali, adottati skond din id-Direttiva. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Pieni jistgħu jinkludu l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni provduta fi (a), minn laboratorji għall-eżaminar ta' żerriegħa awtorizzati b'mod uffiċjali li jinsabu ħatja li kisru r-regoli li jirregolaw l-eżaminazzjonijiet uffiċjali b'mod deliberat jew negliġenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe ċertifikazzjoni taż-żerriegħa eżaminata fil-każ ta' tali kontravenzjoni sakemm ma jistax jintwera li tali żerriegħa għada tilħaq il-ħtiġiet rileventi kollha.

▼M28

4. Jistgħu jiġu adottati aktar miżuri li japplikaw għat-twettiq ta' l-eżaminazzjoni taħt is-sorveljanza uffiċjali b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

▼M33

▼B

Artikolu 3

▼M1

1. l-Istati Membri għandhom jipprovdu li ż-żerriegħa ta':

▼M19

Brassica napus L. var. napobrassica (L.)Rchb.

Brassica oleracea L. convar. acephala (DC.)Alef. var. medullosa Thell. + var. varidis L.

▼M1

Dactylis glomerata L.

▼M19

Festuca arundinacea Schreber

Festuca pratensis Hudson

▼M1

Festuca rubra L.►M25 x Festulolium ◄

▼M2

Lolium multiflorum Lam.

Lolium perenne L.

▼M19

Lolium x boucheanum Kunth

▼M1

Phleum pratense L.

Medicago sativa L.

▼M19

Medicago x varia T. Martyn

▼M11

Pisum sativum L.

▼M19

Raphanus sativus L. var. oleiformis Pers.

▼M1

Trifolium repens L.

u, mill-1 ta' Lulju 1971, iż-żerriegħa ta' *Trifolium pratense* L. ma' tistax titqiegħed fis-suq sakemm ma tkunx ġiet iċċertifikata bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċċertifikata"►M29 ———— ◄.

▼M18

1a. Sal-31 ta' Diċembru 1989 ir-Renju ta' Spanja jista' jkun awtorizzat, b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 21, li tipprovdi għall-eċċezzjonijiet għall-Paragrafu 1 fil-każ taż-żerriegħa ta' *Medikago sativa, Brassica oleracea convar. acephala* u *Raphanus sativus*.'

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jipprovu li żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf tal-ġenere u speċi ħlief għal dawk elenkati fil-paragrafu 1 m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm iż-żerriegħa ma tkunx ġiet iċċertifikata uffiċjalment bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċċertifikata", jew tkun żerriegħa kummerċjali►M29 ———— ◄.

3. Il-Kummissjoni tista' b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21, tipprovdi li wara dati speċifikati żerriegħa tal-ġeneri u speċi ta' pjanti ta' l-għalf ħlief għal dawk elenkati fil-paragrafu 1 ma jitqiegħedx fis-suq kemm-il darba ma tkunx ġiet iċċertifikata bħala "żerriegħa bażika" jew "żerriegħa ċċertifikata".

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżamijiet uffiċjali jitwettqu skond il-metodi kurrenti internazzjonali, sa fejn dawk il-metodi jeżistu.

▼M29

———————

Artikolu 3a

Minkejja l-Artikolu 3(1), l-Istati Membri għandhom jipprovdu li

— iż-żerriegħa mkabbra għal ġenerazzjonijiet qabel iż-żerriegħa bażika, u

— iż-żerriegħa kif imkabbra, mibjugħa fis-suq għall-ipproċessar basta iżda li tkun assigurata l-identità taż-żerriegħa,

jistgħu jinħarġu fis-suq.

▼B

Artikolu 4

L-Istati Membri jistgħu, madankollu, b'deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3:

(a) jawtorizzaw iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali u t-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa bażika li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II dwar il-ġerminazzjoni; kull deroga simili tista' wkoll tingħata dwar żerriegħa ċċertifikata ta' *Trifolium pratense* fejn dik iż-żerriegħa hija maħsuba għall-produzzjoni aktar ta' żerriegħa ċċertifikata.

▼B

Fil-każi mogħtija hawn fuq, il-miżuri kollha meħtieġa għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-fornitur jiggarantixxi ġerminazzjoni speċifika li hu għandu jiddikjara għal kull għan tat-tqegħid fis-suq fuq tikketta speċjali li ġġorr ismu u n-numru ta' referenza tal-lott taż-żerriegħa;

(b) biex iż-żerriegħa tkun disponibbli malajr, minkejja l-fatt li l-eżami uffiċjali għall-verifika tal-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II dwar il-ġerminazzjoni ma ġiex konkluż, jawtorizza ċ-ċertifikazzjoni uffiċjali jew l-approvazzjoni u tqegħid fis-suq sa l-ewwel xerrej permezz ta' kummerċ ta' żerriegħa tal-kategoriji "żerriegħa bażika", "żerriegħa ċċertifikata" jew "żerriegħa kummerċjali". Iċ-ċertifikazzjoni jew approvazzjoni għandha tingħata biss mal-preżentazzjoni ta' kull rapport analitiku provviżorju taż-żerriegħa u kemm-il darba jingħata l-isem u l-indirizz ta' l-ewwel riċevitur; kull miżura meħtieġa għandha tingħata biex jiġi żgurat li l-fornitur jiggarantixxi l-ġerminazzjoni assigurata fl-analiżi provviżorja; din il-ġerminazzjoni għandha tiġi dikjarata għall-għanijiet tat-tqegħid fis-suq fuq kull tikketta speċjali li tkun iġġorr l-isem u l-indirizz tal-fornitur u n-numru ta' referenza tal-lott.

Dawn id-disposizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal żerriegħa importata minn pajjiżi terzi, ħlief kif provdut mod ieħor fl-Artikolu 15 dwar il-moltiplikazzjoni barra l-Komunità.

▼M29

L-Istati Membri li jagħmlu użu mid-deroga pprovduta jew fis-subparagrafu (a) jew fis-subparagrafu (b) għandhom jgħinu wieħed lill-ieħor amministrattivament rigward l-ispezzjoni.

Artikolu 4a

1. Minkejja l-Artikolu 3(1), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-produtturi fit-territorju tagħhom sabiex joħorġu fis-suq:

(a) kwantitajiet żgħar taż-żerriegħa għall-għanijiet xjentifiċi jew xogħol ta' l-għażla;

(b) kwantitajiet xierqa ta' żerriegħa bl-għan ta' testijiet jew provi oħra, basta iżda li tkun tappartjeni għall-varjetajiet li għalihom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni fl-Istati Membri f'dak il-każ.

Fil-każ tal-materjali mmodifikat ġenetikament, din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi konċessa biss jekk ikunu ttieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiġu evitati l-effetti avversi għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Għall-estimi tar-riskju għall-ambjent li jrid jitwettaq f'dan ir-rigward, għandhom japplikaw kif jixirqu għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 70/457/KEE.

2. L-għanijiet li għalihom l-awtorizzazzjonijiet riferiti fil-paragrafu 1 (b) jistgħu jingħataw, id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-marki tal-pakketti, u l-kwantitajiet u l-kondizzjonijiet li fuqhom l-Istati Membri jistgħu jikkonċedu din l-awtorizzazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 21.

3. L-awtorizzazzjonijiet konċessi qabel id-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva lill-produtturi fit-territorju tagħhom għall-għanijiet iddikjarati fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu stabbiliti d-disposizzjonijiet riferiti fil-paragrafu 2. Wara dan, dawn l-awtorizzazzjonijiet kollha għandhom jirrispettaw id-disposizzjonijiet stabbiliti b'mod konformi mal-paragrafu 2.

▼B

Artikolu 5

L-Istati Membri jistgħu, fir-rigward tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II, jimponu ħtiġiet addizzjonali jew aktar iebsa għaċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa u wkoll għall-eżami taż-żerriegħa kummerċjali, li hija prodotta fit-territorju tagħhom.'

▼M29

Artikolu 5a

L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu ċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa tal-*Lupinus* spp., tal-*Pisum sativum*, tal-*Vicia* spp. u tal-*Medicago sativa* għal żerriegħa ċċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni.

▼B

Artikolu 6

▼M2

l-Istati Membri għandhom jipprovdu li d-deskrizzjoni tal-komponenti ġeneoloġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa għandha, jekk min ikabbar hekk jitlob, li tkun ittrattata bħala kunfidenzjali.

▼B

Artikolu 7

▼M33

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-kontroll ta' varjetajiet, l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa għaċ-ċertifikazzjoni u l-eżaminazzjoni taż-żerriegħa kummerċjali, kampjuni jittieħdu b'mod uffiċjali jew taħt sorveljanza uffiċjali skond il-metodi xierqa. Iżda it-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa bil-ħsieb ta' kontrolli skond l-Artikolu 19 jiġu mwettqa b'mod uffiċjali.

1a. Meta t-teħid ta' kampjuni ta' żerriegħa taħt sorveljanza uffiċjali previst fil-paragrafu (1) hu mwettaq, għandu jkun hemm konformità mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) It-teħid ta' kampjuni ta' żerriegħa għandu jiġi mwettaq minn nies li jieħdu kampjuni ta' żerriegħa li ġew awtorizzati għal dak il-għan mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa ta' l-Istat Membru kkonċernat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi (b), (ċ), u (d).

(b) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandu jkollhom il-kwalifiki tekniċi meħtieġa miksuba f'korsijiet ta' taħriġ organizzati taħt kondizzjonijiet applikabbli għal analisti ta' żerriegħa uffiċjali u kkonfermati minn eżaminazzjonijiet uffiċjali.

Għandhom jeżegwu t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa skond il-metodi internazzjonali attwali.

(ċ) Dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandhom ikunu:

(i) persuni fiżiċi indipendenti;

(ii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa;

jew

(iii) persuni mpjegati minn persuni fiżiċi jew legali li l-attivitajiet tagħhom ma jinvolvux il-produzzjoni ta' żerriegħa, it-tkabbir ta' żerriegħa, l-ipproċessar ta' żerriegħa jew il-kummerċ ta' żerriegħa.

Fil-każ imsemmi fi (iii), dak li jieħu l-kampjuni taż-żerriegħa jista' jeżegwi t-teħid ta' kampjuni taż-żerriegħa fuq lottijiet taż-żerriegħa prodotti f'isem min jimpjegah, sakemm ma sarx ftehim ta' xorta oħra bejn min jimpjegah, l-applikant għal ċertifikazzjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa.

(d) L-eżekuzzjoni ta' dawk li jieħdu l-kampjuni taż-żerriegħa għandha tkun soġġetta għal sorveljanza proprja mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni taż-żerriegħa. Meta t-teħid ta' kampjuni awtomatiku ikun qed jaħdem proċeduri xierqa għandhom jiġu mħarsa u sorveljati b'mod uffiċjali.

(e) Għall-finijiet tas-sorveljanza msemmija fi (d) proporzjon tal-lottijiet taż-żerriegħa mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali għandu jingħata eżami ta' kontroll minn dawk li jieħdu l-kampjuni ta' żerriegħa b'mod uffiċjali. Dak il-proporzjon għandu jkun fil-prinċipju mxerred indaqs kemm jista' jkun fuq persuni fiżiċi u legali li jdaħħlu

▼M33

żerriegħa għal ċertifikazzjoni, u l-ispeċi mdaħħla, imma jista' jkun orjentat ukoll biex jelimina dubji speċifiċi. Dak il-proporzjon għandu jkun mill-inqas 5 %. Dan it-teħid ta' kampjuni għall-kontroll ma japplikax għat-teħid ta' kampjuni awtomatiku.

